## ĦAL LUQA

### It-TMINN KUNSILL

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 40**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa nhar l-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022, fil-5.30p.m.

Preżenti

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsillier |
| Maria Magri | Kunsillier |
| Andrew Cassar | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti ; Karen Camilleri Deputat Segretarju Eżekuttiv

### 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Ma kienx hemm ittri t' apoloġija.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Minuti li kienu ċċirkolati u ttieħdu bħala moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Lucia Massa ppproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Kunsil approva b'mod unanimu l-Minuti Nru 39.

### 3. SISTEMA TAL-ONLINE STREAMING

3.1. Il-Kunsillier Andrew Cassar ġibed l-attenzjoni dwar is-sistema tal-online streaming. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li ilha ġimgħat tistenna lit-tekniku responsabbli jiġi sabiex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-tieni sular hemm bomba tal-ħin, bl-ammont ta' wires li hemm ġo xulxin, fejn jekk jitmiss wieħed, itiru sistemi oħra.

Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jieħu parir tekniku u jinġabru stimi għal upgrade tas-sistemi kollha, minn kumpaniji esperti f'dan is-settur.

## 4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Evaluation tat-tender 'Finishing Works of Public Convenience at Triq Dun Pawl' waslet fl-aħħar stadju. Is-Sindku nfurma li kien hemm tlett offerti, bil-board tal-għażla ppropona li t-tender tingħata, lit-technically compliant and cheapest bid.

Is-Sindku John Schembri spjega li l-Kuntrattur ta' qabel ma mexiex mal-Kuntratt u ried li jgħolli l-prezzijiet tat-tender. Il-Kunsill m'aċċettax u kien kostrett jittermina l-kuntratt u jħallas tax-xogħol li kien laħaq għamel. Meta nbeda x-xogħol fuq il-letrina, l-ex-kunsillier Victor Caruana, li kien responsabbli mil-letrina kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill, dwar is-sitwazzjoni mwiegħra tas-soqfa li kienu fi stat ħażin u ta' periklu u kien ta l-parir li jitwaqqa' kollox u l-letrina tinbena mill-ġdid. Il-Kunsill kien qabel b'mod unanimu li ssir site inspection mill-Perit. Fil-fatt kien intalab li jsir on site meeting mal-Perit tal-Kunsill, li għalih kien attenda wkoll l-ex kunsillier Victor Caruana, fejn kien indika l-periklu fuq is-soqfa u fid-diviżorji. Is-Sindku nfurma li meta saru l-verifiki neċessarji, l-Perit qabel li jitwaqqa' kollox. B'dan kollu ġie nfurmat il-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li jsir ix-xogħol ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid tal-letrina.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa kemm ġew jiswew ix-xogħlijiet u kemm se jiġu jiswew l-ispejjeż relatati mal-finishings.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li m'għandix dettalji f'idejha iżda se tressaqhom fis-seduta li jmiss. Dan għall-fatt li sas-Seduta li jmiss ikun għadda ż-żmien tal-Appelli minn fuq it-tender il-ġdida u jkun possibli li tinfurma lill-Kunsill bil-winning bid.

## 5 MOZZJONIJIET

5.1 **Mozzjoni Nru 2/2022 imressqa mis-Sindku John Schembri**

Billi l-Kunsill Lokali Ħal Luqa flimkien mar-Reġjun Nofsinhar se jkun qed jippubblika e-book dwar il-Kappelli tar-Reġjun, permezz ta' fondi minn GAL Xlokk, nipproponi li jinħatar bord tal-Evalwazzjoni kif ġej;

***Opening Staff***
Ms Christine Mansueto
Ms Maria Aquilina

***Chairperson***
Il-Kunsillier Maria Magri

***Evaluators***
Ms Tiffany Abela
Mr Marlon Abela
Ms Mariella Strout

***Segretarju tal-Board***
Karen Camilleri

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat il-mozzjoni.

Ivvutaw favur seba' (7) kunsillieri preżenti. ĦADD ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

**5.2 Mozzjoni Nru 3/2022 – Skema Digital Innovation Technology**

Nipproponi li l-Kunsill japplika għall-iskema Digital Innovation Technology, billi jiġi ppreżentat proġett SMART li jinvolvi CCTV, Urban Air Quality u Traffic Monitoring fil-qalba tal-lokalita'

Dan il-proġett huwa stmat li se jiġi jiswa' s-somma ta' € 94,400, bil-Kunsill joħroġ 20% tal-ispiża, f'każ li l-proġett jiġi magħżul.

Il-Viċi Sindku Kaeron Bruno ssekonda l-Mozzjoni.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li din hija inizzjattiva tajba ħafna iżda l-Kunsill għandu jara li taħdem u mhux jiġri bħala ġara fil-każ tal-ismart parking. Il-Viċi Sindku Kaeron Bruno nfurma li s-sistema kienet taħdem iżda kien hemm problemi tekniċi bis-sistemi tal-internet u kien għalhekk li l-proġett ma rnexxiex.

Ivvutaw favur seba' (7) kunsilliera preżenti. ĦADD ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

## 6 ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill Lokali ġie nfurmat li sar Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jitwaqqaf il-proċess tal-għażla għal Segretarji Eżekuttivi f'bosta Kunsilli Lokali,fosthom dak ta' Ħal Luqa.

6.2 Is-Sindku fakkar li nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru se ssir il-ħarġa f'Għawdex fl-okkażjoni tal-Festa ta' Sant'Andrija u ħeġġeġ lil membri sabiex jattendu.

6.3 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa dwar l-attivitajiet tat-tfal fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li saret laqgħa mas-Surmast tal-Iskola Primarja fejn ġejna mitluba nippreparaw ċirkulari sabiex titqassam lill-ġenituri. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li ġie mogħti l-materjal lill-iskola sabiex jitqassam fost l-istudenti, liema materjal se jkun qed jinġabar mill-iskola u mgħoddi lill-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħeġġet lill-Kunsillier Frederick Aquilina jżomm kuntatt mal-impjegat responsabbli minn din l-attivita'.

## 7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' Pagamenti għax-xahar ta' Ottubru.

Is-Sindku John Schembri ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali bagħtu invoice għall-ħlas ta' € 70 għal preżenza tal-Kunsillier Frederick Aquilina fil-laqgħa tas-Sindki. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Aquilina jekk kienx mistieden bħala rappreżentant tal-Partit ?

Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li hu attenda bi żball għal din il-laqgħa.

Is-Sindku John Schembri talab dikjarazzjoni uffiċjali dwar dan.

Il-Kunsillier Lucia Massa pproponiet l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsillier Maria Magri ssekondat.

**L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata.**

## 8 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.00 pm., U ġiet aġġornata għall-Ħamis 15 ta' Diċembru 2022 fil-5.30p.m.

John Schembri

SINDKU

Karen Camilleri

Deputat Segretarju Eżekuttiv